**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 257/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kevin Pisani**

Illum 12 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Kevin Pisani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 400275M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn il-5 ta' April, 2017 u l-21 ta' April, 2017 f'dawn il-Gzejjer:

1. Naqas li jaghti lil Marie Pisani, is-somma ta' 600 Ewro kull xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Mejju, 2017, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi mputat thati tal-akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-gimgha detenzjoni. Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imptutat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din il-Qorti, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant Kevin Pisani li huma is-segwenti:

a. Illi mhux minnu li huwa rrifjuta li jghaddi s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-

xahar skont kif tghid l-akkuza izda se mai huwa d-differenza cioe' s-somma ta' €250 ma ghaddiex lil martu;

b. Illi anke kieku din il-Qorti kellha tikkonferma l-htija tal-esponenti appellant, l-piena hija harxa wisq tentu tkont li dan kien l-ewwel kaz tieghu u l-piena ta' gimgha detenzjoni hija harxa wisq tentu kont ukoll li jekk huwa jispicca l-habs zgur li ma jkunx jista' jahdem biex jghajjex lill-uliedu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-partijiet qablu li effettivament l-ammont ta' sitt mitt ewro li kienu dovuti lil Mari Pisani thallsu pendenti lite. Illi ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reita, madanakollu fid-dawl tac-cirkostanzi fejn il-partijiet issa ssorvolaw id-divergenzi ta' bejniehtom, hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur